MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2006

Rikors Numru. 913/2005

Biochemicals International Limited
vs
Penza Construction Limited

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici li bih esponiet:

Illi b’sentenza tal-Qorti tat-12 ta’ Jannar, 2000 fl-ismijiet Biochemicals Interanational Limited vs Penza Construction Limited (Citazz. Nru. 2673/99AJM) (kopja legali tas-sentenza giet prezentata mar-rikors u mmarkata Dok. ‘A’), is-socjeta` intimata kienet giet ikkundannata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ LM3,850, flimkien malimghaxijiet legali u l-ispejjez li skond it-taxxa annessa mar-rikors u mmarkata Dok. ‘B’ kienu jammontaw ghal mitejn u tlieta u hamsin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm253.33).

Illi s-somma fuq imsemmija kienet dovuta mis-socjeta` intimata ghall-prezz ta' diversi oggetti mibjughin u konsenjati lilha mis-socjeta` rikorrenti, u wara li s-socjeta` intimata kienet harget diversi cekkijiet ghas-somma dovuta, dawn kienu gew ritornati bhala 'refer to drawer'.

Illi ghalkemm interpellata sabiex thallas l-ammont dovut, is-socjeta` intimata kienet baqghet inadempjenti.

Illi nonostante l-fatt illi kienu ghaddew iktar minn hames snin mid-data tas-sentenza, is-socjeta` rikorrenti kien ghad ghandha interess illi din is-sentenza tigi ezegwita fl-ahjar interessi tal-gustizzja.

Ghaldaqstant in vista tas-suespost, is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti biex tawtorizzaha tipprocedi sabiex tezegwixxi l-imsemmija sentenza nonostante li ghaddew aktar minn hames snin mid-data ta' l-istess, kontra s-socjeta` intimata skondi il' fuq citata sentenza tal-Qorti u dana ai termini ta' l-artikolu 258 tal-Kap. 12, u dan taht dawk il-provvedimenti kollha li l-Qorti jidriiha xierqa u opportuni.

Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensur tas-socjeta` rikorrenti.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Semghet bil-gurament lil Dr. Audrienne Agius li ghan-nom tas-socjeta` attrici kkonfermat li ma thallas xejn mill-ammont imsemmi fir-rikors mid-data tal-prezentata tal-istess rikors.

Rat illi s-socjeta` intimata debitament notifikata u ma deher hadd ghaliha llum ghalkemm mghajjta tliet darbiet, u anqas giet prezentata risposta.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk peress li t-talba tas-socjeta` rikorrenti tidher gustifikata, il-Qorti tawtorizza lis-socjeta` rikorrenti tipprocedi sabiex tezegwixxi l-imsemmija sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Spejjez kontra s-socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------